TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**ARBITRU**

**Dott. Deborah Schembri**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 20 ta' Novembru, 2023**

**Talba Nru: CCT178/23/DS**

**Luke Jones**

**Vs**

**Benzing Mobile Shop & Repairs**

**It-Tribunal**

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentat fit-2 ta' Ottubru, 2023 fejn talab illi s-soċjeta' intimata €350 f'danni minħabba illi iPad illi ngħata lis-soċjeta' intimata għat-tiswija waqt perjodu tal-eżamijiet sabiex isirulu tiswijiet malajr ma ngħatax lura ħlief wara li nfetħet din il-kawża, xhur wara li l-eżami in kwistjoni kien diga' sar u anka meta ngħata lura fil-fatt ma kienx għadu jaħdem;

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ ma intavolatx risposta u ghal din ir-raguni giet meqjusa kontumaci minn dan it-Tribunal;

Ra illi lanqas deher rappreżentant tas-socjeta intimata biex jippreżenta l-pużizzjoni tagħha waqt dawn il-proċeduri;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda tar-rikorrenti bil-ġurament.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi jirriżulta illi r-rikorrenti kkonferma it-talba tiegħu taħt ġurament u ta' x'xhieda ampja tiegħu dwar kif ġraw il-fatti inkluż il-fattur tad-dewmien illi kkawża problemi lill-attur billi kellu jerġgħa jipprepara l-portfolio tiegħu għall-eżami li kien qiegħed jagħmel peress illi l-iPad ma ngħatalux fil-ħin, bl-istress kollu li din is-sitwazzjoni ġabet magħha; il-fattur ta' nfieq ta' apparat ieħor ġdid sabiex setgħa fil-fatt ikompli jagħmel l-eżami tiegħu u l-inkonvenjent maħluq lilu wara li kemm -il darba kellu jikkomunika mas-soċjeta' intimata u jmur fil-ħanut tal-istess soċjeta' sabiex jipprova jinqeda u saħansitra kienu riedu jtuħ apparat illi mhux tiegħu, qalulu illi ntilef u lista sħiħa ta' affarijiet oħra illi ċertament wieħed ma jistenniex bħala servizz meta jieħu apparat għat-tiswija. Galadarba s-soċjeta' intimata la għamlet risposta u lanqas bagħtet rappreżentant tagħha sabiex jagħti x-xhieda tiegħu il-verżjoni tar-rikorrenti m'hija bl-ebda mod kontradetta. Barra minn hekk il-verżjoni tar-rikorrenti hija korroborata min evidenza dokumentarja illi ma tħalli l-ebda dubbju f'moħħ dan it-Tribunal illi l-fatti graw hekk kif gie konfermat taħt gurament.

Illi it-talba tal-attur hija primarjament waħda għall-ammont ta' tlett mija u ħamsin Ewro (€350) f'danni illi tenut kont ix-xhieda mhux kontradetta tal-attur dan it-Tribunal iħoss illi hija somma ġustifikata anka tenut kont illi l-attur kellu jixtri apparat ġdid biex jinqeda għall-eżami tiegħu kif ukoll għaliex meta ngħata lura l-iPad tiegħu dan kien għadu ma jaħdimx.

**Ikkunsidra ulterjorment**

Illi f'Legislazzjoni Sussidjarja 387.01 Regoli dwar it-Tribunal ghal talbiet tal-Konsumaturi, Regola 12.1 tgħid illi '**jekk l-intimat ma jattendix seduta, l-Arbitru jista' jiddeciedi t-talba kontra dak l-intimat;**

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti prova il-każ tiegħu suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tiegħu għandha tiġi milqugħa fl-intier tagħha.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna s-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' tlett mija u ħamsin Ewro (€350) lill-attur kif ukoll jikkundanna lill-istess soċjeta' tħallas is-somma ta' mitejn Ewro

(€200) lill-istess attrur bħala danni morali għall-ħsara, deni, anżjeta' u inkonvenjenza li kkawżatlu waqt il-perjodu tal-eżamijiet tiegħu inkluż għall-fatt illi kellu jerġgħa jagħmel ix-xogħol illi kien diġa' lest sabiex ikun jista' jlaħħaq sad-data tal-eżami. Li kieku l-attur qagħad jistenna lis-soċjeta' intimata kieku dan l-eżami, illi huwa għaddieh b'wiċċ il-ġid, lanqas biss kien ikun jista' jagħmlu.

Bl-ispejjes kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Deborah Schembri**
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

**Arbitru**